**Minuti tal-Laqgħa nru 40 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 22 ta' April 2010 fis-7.00 p.m. ta' filgħaxija**

Il-laqgħa bdiet fis-7.10 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.00 p.m. | 8.25 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.15 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.15 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.10 p.m. | 8.25 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Inqrat sms mingħand il-Kunsillier John Mary Camilleri fejn qal li hu ma setax jattendi minħabba mpenji ta' xogħol.

1.0 Fil-bidu tal-Laqgħa s-Sindku talab li tiġi diskussa l-mozzjoni ippreżentata minn Paul Agius u ssekondata mil-Viċi Sindku Josette Agius Decelis, is-Sindku Dr Paul Chetcuti Carauana, Kirby Fenech, il-Perit Chris Grech u Mario Sammut.

1.01 Il-Kunsillier Joseph Demartino oġġezzjona għall dan għaliex huwa qal li din kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru 39 li bdiet fil-20 ta' April u tħalliet għal kontinwazzjoni għal lum 22 ta' April. Dan, minkejja li kienet diġa kienet imsejħa din il-laqgħa No 40. Huwa qal li d-deċiżjoni fil-laqgħa tal-20 ta' April kien deċiż li ssir kontinwazzjoni u għalhekk, l-ewwel kellhom jitkomplew dawk l'items li kien baqa tal-laqgħa nru 39. Saret diskussjoni u ġie deċiż li l-ewwel titkompla l-laqgħa nru 39 u wara issir l-agenda tal-laqgħa nru 40.

1.02 Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru 39 jidhru fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

2.0 Wara l-kontinwazzjoni tal-laqgħa Nru 39 tpoġġiet għad-diskussjoni il-mozzjoni tal-kunsilliera Laburisti bid-data tal-15 ta'April 2010 u ippreżentat lis-Segretarju Eżekuttiv fil-15 ta' April 2010 u rreġistrata bin-numru 15.

Il-mozzjoni No 15 tgħid:

15 ta' April 2010

**Mozzjoni**

**Permezz ta' din il-mozzjoni aħna hawn taħt iffirmati nitlobu lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mosta ikun sostitwit b'effett immedjat. Din it-talba qegħda ssir minħabba il-fatt li l-Kunsill tagħna ma jistax jopera kif suppost minħabba in-nuqqas ta' good working relationshoip li nħolqot bejn l-istess Segretarju Eżekuttiv u l-istess Kunsill. Din is-sitwazzjoni jekk tibqa tipperdura ser toħloq preġudizzju serju għall-aħjar operat tal-Kunsill.**

**Din it-talba qegħda ssir mingaħjr ebda rislessjoni negattiva fuq is-Segretarju Eżekuttiv attwali, iżda biss fl-interess tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u il-komunita tal-Mosta.**

**Proponent**

**Paul Agius**

**Sekondanti**

**Josette Agius Decelis**
**Dr. Paul Chetcuti Caruana**
**Kirby Fenech**
**Perit Chris Grech**
**Mario Sammut**

2.03 Il-Kunsillier Paul Agius ippreżenta l-mozzjoni u ġie issekondat mill-ħames kunsilliera Laburisti kif jidher fil-mozzjoni (kopja annessa).

Il-Kunsillier Joe Demartino u Dr Shirley Fauurgia talbu lill proponent Pawlu Agius sabiex jikkummenta u jispjega għaliex saret din il-mozzjoni.

2.04 Il-Kunsillier Paul Agius qal li huwa ma kien ser jagħmel l-ebda kumment fuq il-mozzjoni u li din għandha tittieħed kif inhi miktuba għaliex hija "self-explanatory". Huwa qal li ma kellu xejn xi jżid ma' dak li kien hemm miktub fil-mozzjoni.

2.05 Il-Kunsillier Joe Demartino qal li l-Kunsilliera Nazzjonalisti kienu qed jitolbu rispsota dwar x'ġara u għaliex wara l'eloġji kollha u tifħir mis-Sindku ta' kemm is-Segretarju John J. Camilleri kien bniedem abli u kapaċi għal kollox issa tressqet din il-mozzjoni. Huwa fakkar li dan is-Segretarji kien ir-raba wieħed minn mindu ħa t-tmexxija tal-Kunsill is-Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana. Huwa qal li l-ewwel tkeċċa Alphonse Anastasi, wara ġie is-Sur Karmenu Camilleri, li għalkemm qatt ma ġie maħtur uffiċjalment kien jgħamilha ta' segretarju u kellu ċ-ċwievet ta' kullimkien u kien jikkmanda kollox hu, wara ġie appuntat J.C. Azzopardi bħala aġent Segretarju Eżekuttiv u wara intgħażel John J. Camilleri li kien qed jaqdi dmiru sew. Huwa staqsa issa x'kien ser jiġri u jekk hux ser ikollna l-ħames wieħed?

2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xtaq jistaqsi x'kienet tfisser il-kelma ' rislessjoni' fl-aħħar paragrafu tar-riżoluzzjoni. Is-Sindku wieġeb li din kienet tfisser "riflessjoni".

2.07 Is-Sindku talab li din il-mozzjoni titpoġġa għal vot.

2.08 Inqrat ir-riżoluzzjoni u saret votazzjoni b'dan ir-riżultat:

6 voti favur – Sindku Dr. P. Chetcuti Caruana, Viċi Sindku Josette Agius Decelis, Paul Agius, Perit Chris Grech, Kirby Fenech u Mario Sammut

4 voti kontra – Joe Demartino, Dr Shirley Farrugia, Marthese Mifsud u Nicola Fenech Adami.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet.

Is-Segretarju ntalab li jibgħat ir-riżoluzzjoni kif approvata mill-Kunsill lid-Dipartiment.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# <u>Korrezzjonijiet Minuti Nru. 40- 22ta' April 2010</u>

**2.08** linja 1 titnehha l-kelma 'rizoluzzjoni' u tidhol il-kelma 'mozzjoni'
linja 5 titnehha l- kelma 'rizoluzzjoni' u tidhol il-kelma 'mozzjoni'
linja 6 titnehha l-kelma 'rizoluzzjoni' u tidhol il-kelma ' mozzjoni'